Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR KARL ROBERTS) V. ALTUROUQ ALI MOHAMMED ALI (KI. 139146A)

(TRASFERIMENT TA' PASSAPORT – KAP. 61, ART. 3(A) – SERQ IKKWALIFIKAT BIL-"LOK" BISS – KAP. 9, ART. 269(G), 281(A))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Jannar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Alturouq Ali Mohammed Ali, ta' 38 sena, ta' nazzjonalità Libjana, iben Mohammed u Sabah Hamza, imwieled il-Libja nhar l-1 ta' Diċembru 1981, residenti Rooibos, Flat 4, Triq is-Serkin, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 139146A ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Karl Roberts
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Mario Mifsud,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti akkużi:

   a. talli fit-13 t' Awissu 2020 u/jew fil-jiem, ġimghat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer, meta kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti, Ii hu document tal-ivjaġġar u permess ta' residenza Maltija, maħruġa fuq Asraa Salim Aemmaar Alyousufi, ttrasferixxa

id-dokumenti lil persuna oħra, bi ksur tal-Artiklu 3(a) tal-Kapitlu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, u

b. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi seraq dokumenti personali, li huma Passaport u Permess ta' Residenza, it-tnejn maħruġa fuq isem Asraa Salim Aemmaar Alyousufi, liema serq hu aggravat bil-lok peress li sar minn dar ta' abitazzjoni jew f'parti Ii tagħmel magħha u dan bi ksur tal-Art. 269(g) u 281(a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Oltre l-preżentata fid-9 ta' Settembru 2020, inżammu tlett seduti fl-1 ta' Ottubru 2020, fid-29 ta' Ottubru 2020 u fid-9 ta' Novembru 2020.

4. Dan il-każ jikkonċerna l-użu ta' passaport Taljan li rriżulta li kien iffalsifikat wara analiżi li saret mill-*Malta Police Forensic Science Laboratory*.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta)***

5. L-Artikolu 3(a) tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

'3. Kull min
(a) meta għandu f'idejh passaport maħruġ lilu minn awtorità kompetenti jew le, jittrasferixxi dak il-passaport lil persuna oħra ... jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn'

***Il-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)***

6. L-Artikoli 269(g) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdu kif ġej:

'269. Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir ...
(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.'

281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel
(a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn'

**Provi tal-Prosekuzzjoni**

7. Il-Prosekuzzjoni ma' ressqet **l-ebda** xhud iżda minflok għażlet illi tesebixxi stqarrija ta' ċertu Asra Salim Aemmaar Alyousufi, ċioe il-mara tal-imputat, il-persuna illi skond ir-rapport tal-okkorrenza kienet irrappurtat l-Għassa tal-Ħamrun fit-13 ta' Awwissu 2020 sabiex tinforma lill-Pulizija illi żewġha kien serqilha d-dokumenti tagħha inkluż il-passaport minn ġewwa r-residenza tagħha sabiex is-sieħba tiegħu tkun tista' tużahom u flimkien mat-tifla tagħhom jitilqu barra minn Malta.

8. Wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq, id-Difiża kienet pronta toġġezzjona għal din l-istqarrija stante illi ma' kellha l-ebda fakultà tikkontrolla jew tikkontroeżamina lill-istess persuna.

9. Kien fis-seduta ta' wara, u ċioe dik tad-29 ta' Ottubru 2020, u wara li d-Difiża ukoll għalqet il-provi tagħha illi l-Qorti iddegretat illi: *"issa li ngħalqu l-provi kollha u ma' ġietx prodotta bħala xhud il-persuna illi d-dikjarazzjoni tagħha ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2020 il-Qorti qegħda tilqa' t-talba magħmula fl-istess seduta mid-difiża għall-isfilz tad-dikjarazzjoni tagħha."*[1] Dan il-Qorti għamlitu għaliex l-iskop ta' stqarrija mhux ġuramentata ta' xhud huwa biss sabiex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tikkontrolla x-xhieda ta' din il-persuna meta tiġi biex tixhed quddiem il-Qorti u mhux sabiex l-istqarrija toqgħod waħedha bħala parti mill-provi mressqa. Huwa biss meta xhud jidher quddiemha li l-Qorti tkun tista' tagħmel apprezzament ta' dak li jintqal minnu kif ukoll tal-komportament tiegħu u dan salv dak li jingħad bħala eċċezzjoni fl-Art. 360A u 646(2) tal-Kap. 9. Ġaladarba l-persuna li rrilaxxat l-istqarrija lill-Pulizija ma' ġietx prodotta bħala xhud, u dan il-Prosekuzzjoni setgħet tagħmlu sal-aħħar nett tal-ġbir tal-provi (anke jekk kien hemm bżonn waqt l-istadju tal-provi tad-Difiża bil-permess tal-Qorti), allura din id-dikjarazzjoni ma' kellha l-ebda rilevanza għall-kawża odjerna.

10. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel tagħha l-kliem meqjus tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Mohammed Ahmed Ahmed Mohammed Elgamal** (deċiża fl-14 ta' Ġunju 2019 mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, App. Krim. 543/2017):

*"F'dan il-każ jidher li fl-atti hemm esebiti numru ta' stqarrijiet tax-xhieda pero' din il-Qorti trid tiskarta dawn l-istqarrijiet peress li din il-Qorti ma tistax tagħmel apprezzament ta' dak li qalu l-istess xhieda waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda'. L-iskop ta' stqarrija ta' xhud hija dik sabiex il-prosekuzzjoni tkun tista' tikkontrolla*

---

[1] Fol 39

*ix-xhieda ta' dak li jkun u ma ibiddilx l-versjoni tieghu f'liema kaz ikun irid jiġi dikjarat bhal xhud ostili.*

*Sabiex jiġi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir viva voce ad validatem quddiem il-ġudikant li finalment ser jiġġudika l-fatti, salv l-eċċezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-eżerċizzju huwa essenzjali sabiex il-ġudikant ikun jista' jasal għall-ġudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jeżamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliċiment jaqra traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' dak li jkun li mhux neċessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser tagħti ħjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjoniet tiegħu.*

*Tant hu hekk li meta xhieda mehuda quddiem l-ewwel Qorti ma tkunx ġiet dattilografata tali xhieda terga tigi imharka mill-gdid biex tixhed fil-Qorti tal-Appell. Effettivament dan huwa obbligu tal-ġudikant li jitlob li jsir dan , fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali li jittrattaw l-kredibilta' tax-xhud li jkun li semmai għandha tiġi determinata minn min għandu jiġġudika l-fatti u dan 'billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ...*

*... L-iskop ewlieni ghaliex l-prosekuzzjoni trid tressaq ix-xhieda taghha viva voce huwa dak naxxenti mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 584 u 586 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap.9 li jiddisponu li :-*

*"Il-parti li ggib ix-xhud .....tista' tikkontradicieh bi prova ohra , u tista' ukoll tipprova li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda li jkun qieghed jaghti"*

*u l-artikolu 586 (tal-Kap. 12) ikompli jiddisponi :-*

*(1) "Qabel ma tigi attakkata l-kredibilita' ta' xhud bi provi li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tieghu , ghandhom jinghadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet bic-cirkostanzi taz-zmien , tal-lok u tal-persuni prezenti u huwa ghandu jiġi mistoqsi jekk kienx ghamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet ; u ghandu jigi lilu moghti li jispjeghom .*

*(2) Jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub , għandhom jiġu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom .”*

11. Fil-każ *de quo* il-Prosekuzzjoni ma’ setgħet tagħmel l-ebda użu mill-istqarrija ġaladarba x-xhud ma’ ġietx imressqa biex tixhed u għalhekk il-Qorti kellha ta’ bilfors tiskarta l-istqarrija tagħha.

12. Il-Qorti tagħmilha ċara illi dan ma’ seħħx b’xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni illi għamlet li setgħet sabiex tipprova tintraċċa lix-xhud sabiex ittellagħha tixhed. Jidher illi x-xhud telqet barra minn Malta fl-istadju bikri tal-proċeduri u possibbilment anke qabel bdew. Filfatt mir-rapport tal-okkorrenza jidher illi meta l-Pulizija pruvaw jagħmlu kuntatt magħha bit-telefon *“din qatgħet il-linja u meta rrispondiet bdiet tgħolli leħinha u qatat il-linja”.*[2]

13. Kien għalhekk li l-Qorti tat ċans lill-Prosekuzzjoni sal-aħħar nett tal-istadju tal-ġbir tal-provi sabiex tkun tista’ tressaq lil din ix-xhud qabel ma’ finalment kellha ta’ bilfors b’mod formali tordna l-isfilz tal-istqarrija tagħha.

14. Fl-istqarrija tiegħu rilaxxata lill-Pulizija fit-8 ta’ Settembru 2020, l-imputat qal lill-Pulizija illi huwa ried isiefer ġimgħa vaganza mat-tifla tiegħu u li ċertu Doghmi Nezha, li kellu relazzjoni magħha, kienet għenitu jaqta’ l-biljetti tal-ajru tiegħu u tat-tifla. Qal illi dakinhar li kien ser isiefer marret **l-ajruport** sabiex mingħalih tarah sejjer u hemmhekk ra bil-bagalja tagħha u din qaltlu li kienet ġejja magħhom. Xi sebat ijiem wara imbagħad ġew arrestati mill-Pulizija Belġjana ġewwa lukanda f’Antwerp, il-Belġju. Meta ġie mistoqsi kif ma’ ndunax li Nezha kienet ser tuża l-passaport tal-mara tiegħu biex issiefer miegħu huwa qal li ma’ kienx induna u li *“Nezha hekk ser tgħid il-Qorti”*. Qal illi martu kienet mingħalija li huwa kien ser isiefer mat-tifla mentri fir-rapport li għamlet lill-Pulizija hija qaltilhom illi meta telaq mid-dar żewġha kien qallha li ser jieħu lit-tifla tagħhom l-bandli. L-imputat ċaħad dan. Qal ukoll illi bbukkja l-akkomodazzjoni tal-ewwel lejl ġewwa Brussell permezz tal-*mobile* tiegħu u li kien daħal fuq *Google* sabiex jagħmel dan. Qal illi l-biljetti tal-ajru kienu nqatgħu għalihom it-tlieta minn fuq il-*credit card* tiegħu u illi Nezha tagħtu l-biljetti dakinhar stess li kienu ser isiefru ġewwa l-Ajruport. Finalment l-imputat stqarr mal-Pulizija illi ***“Nezha ħa tiġi Malta u fil-Qorti ħa tgħid li l-passaport ħaditu hi mill-karozza tiegħi.”***

[2] Fol 7

**Provi tad-difiża**

15. L-imputat għażel li ma' jixhidx, kif kellu kull dritt li jagħmel, u minflok ressaq bħala xhud lil **Doghmi Nezha** ċioe dik il-persuna li allegatament, skond ir-rapport li sar lill-Pulizija minn Asra Salim Aemmaar Alyousufi, kellha tagħmel użu (u filfatt irriżulta wara li għamlet tali użu) mid-dokumenti t'identità tagħha li kienu ġew allegatament misruqa minn żewġha, l-imputat. Din il-persuna qed tiskonta sentenza ta' priġunerija wara li ġiet misjuba ħatja, f'istanza separata, li *inter alia* serqet u għamlet użu mid-dokumenti t'identità in kwistjoni. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020[3] din ix-xhud stqarret illi kienet hi u mhux l-imputat illi serqet id-dokumenti in kwistjoni u dan mill-vettura tal-imputat. B'kollox serqet tlett passaporti, ċioe tal-imputat, tat-tifla tal-imputat u ta' Asra Salim Aemmaar Alyousufi. Qalet ukoll illi l-intenzjoni tagħha kienet illi tuża l-passaport tal-mara tal-imputat sabiex tkun qiesa l-mara tiegħu biex ssiefer għal *holiday* miegħu u mat-tifla tiegħu. In kontroeżami xehdet illi kienet hi li qatgħet il-biljetti tal-ajru bil-*credit card* tal-imputat u dan bil-moħbi tiegħu. Ikkjarifikat imbagħad illi filfatt hija ħadet il-*credit card* bil-permess tiegħu u dan kien tagħilha sabiex mingħalih tixtri xi affarijiet. Tikkonferma ukoll illi l-imputat kien jgħix taħt l-istess saqaf ma' martu u xi kultant kien però jiġi għandha u jerġa jmur. Hija xehdet illi kien filgħodu ta' dakinhar li kienu ser siefru illi kienet qaltlu bis-sorpriża u ftehmu sabiex imorru b'mod separat għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Finalment qalet ukoll illi kienet ibbukkjat l-akkomodazzjoni għall-ewwel lejl minn fuq il-*mobile* tal-imputat u li dan ma' setax ikun jaf għaliex ma' kienx jaqra jew jagħraf l-Ingliż.

**Kunsiderazzjonijiet**

16. Il-Qorti tibda biex tgħid illi bl-ebda mod m'hija qed temmen ix-xhieda li ngħatat minn Doghmi Nezha, liema xhieda m'hija xejn kredibbli, m'għandhiex mis-sewwa u f'ċertu partijiet importanti (bħal per eżempju min kien qata' l-biljetti tal-lukanda tal-ewwel lejl) tikkontradixxi ukoll dak li stqarr l-imputat mal-Pulizija. Hija indikattiva ukoll dak li qal *a tempo vergine* l-imputat fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija li huwa kien jaf x'ser tixhed fil-Qorti Doghmi Nezha u ċioe illi kienet hi li ħadet il-passaport ta' martu mill-karozza tiegħu.

    Madanakollu fil-valutazzjoni tagħha tal-ħtijet *o meno* tal-imputat il-Qorti hija marbuta mal-provi li jinġiebu quddiemha u dan dejjem fid-dawl tal-imputazzjonijiet miġjuba 'l quddiem fiċ-ċitazzjoni. Il-Qorti m'għandhiex quddiema per eżempju l-imputazzjoni illi l-imputat assista lil Doghmi Nezha li titlaq minn Malta b'dokumenti

[3] Fol 40-43

t'identita' ta' ħaddieħor. Għandha biss l-imputazzjonijiet ta' transferiment tad-dokumenti in kwistjoni lil terz u ta' serq tal-istess dokumenti. L-aqwa prova tal-Prosekuzzjoni setgħet iġġibha biss ix-xhud prinċipali tagħha - Asra Salim Aemmaar Alyousufi- liema xhud però kif diġà ntqal baqgħet ma' ġietx prodotta biex tixhed għaliex apparentement din tilfet kull interess li tagħmel dan. Il-Qorti għandha quddiemha biss l-istqarrija tal-imputat u x-xhieda ta' Doghmi Nezha u kif ġa ntqal dawn huma nieqsa mill-kredibilta meħtieġa sabiex jkunu t'għajnuna għall-Qorti fl-apprezzament tagħha tal-provi. Il-Qorti ma' għanda l-ebda prova konklussiva la li l-imputat ittrasferixxa d-dokumenti tal-identita' ta' martu lil Doghmi Nezha u lanqas illi seraq dawn id-dokumenti. Għal kull bwon fini l-Qorti ma' tistax ma' tissenjalax ukoll illi ż-żewġ imputazzjonijiet jikkontradixxu lil xulxin u m'humiex kompatibbli waħda mal-oħra għaliex filwaqt li l-ewwel imputazzjoni tippresumi illi l-imputat **kellu l-pussess tad-dokumenti in kwistjoni** qabel ma' ttrasferihom lil terza persuna, t-tieni imputazzjoni hija proprju l-contrecatio jew it-teħid tad-dokumenti mill-isfera tal-pussess ta' Asra Salim Aemmaar Alyousufi.

17. Fid-dawl tas-suespost il- Qorti m'għandha l-ebda konvinċiment morali sorrett minn provi li jilħqu l-grad rikjest fil-kamp kriminali sabiex issib lill-imputat ħati.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma' ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u għaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.**

V.G. Axiak | Y. M. Pace

Maġistrat | g/Dep. Reġistratur